

L-użu tal-antimikrobiċi fl-isptarijiet u fil-faċilitajiet tal-kura fuq terminu twil Ewropej

L-antimikrobiċi – l-aktar l-antibijotiċi – jintużaw spiss fl-isptarijiet u fil-faċilitajiet tal-kura fuq terminu twil għall-kura jew għall-prevenzjoni ta' infezzjonijiet. Xi ftit minn dan l-użu tal-antimikrobiċi jista' ma jkunx meħtieġ, u b'hekk ikompli jikkontribwixxi għall-feġġa u għat-tixrid tar-reżistenza għall-antimikrobiċi. Fl-2016 u fl-2017, l-ECDC ikkoordina żewġ sħarriġiet Ewropej dwar il-prevalenza puntwali fl-isptarijiet ta' kura akuta u fil-faċilitajiet tal-kura fuq terminu twil, rispettivament.



L-użu tal-antimikrobiċi fi:
Sptarijiet



1 / 3

pazjenti rċieva tal-anqas antimikrobiku wieħed f'jum partikolari.

Profilassi kirurġika



1 minn 2 korsijiet tal-profilassi kirurġika ġie preskritt għal aktar minn ġurnata.




Doża waħda hija normalment biżżejjed għal profilassikirurġika. Profilassi kirurġika estiża tirrappreżenta sors sinifikanti tal-użu mhux meħtieġ tal-antimikrobiċi fl-isptarijiet.

Profilassi medika



1 / 10 preskrizzjonijiet antimikrobiċi kienet għal profilassi medika, li għaliha hemm biss numru limitat ta' indikazzjonijiet.

Proporzjon ta' preskrizzjonijiet antimikrobiċi għall-profilassi medika għaldaqstant tista' tirrappreżenta użu mhux meħtieġ.



Użu parenterali

7 minn 10 antimikrobiċi ġew amministrati b'mod parenterali. Il-bidla minn parenterali għal orali ġiet irrappurtata f'4 % biss tal-preskrizzjonijiet ta' antimikrobiċi parenterali.

Antibijotiċi b'azzjoni mifruxa

Il-proporzjon ta' antibijotiċi b'azzjoni mifruxa użati varja minn 16 % għal 62 % fl-Ewropa kollha. Il-varjazzjoni wiesgħa fl-użu tagħhom tindika l-bżonn li jiġu rieżaminati l-indikazzjonijiet tagħhom f'bosta pajjiżi u sptarijiet.

L-antibijotiċi b'azzjoni mifruxa mhumiex dejjem meħtieġa u l-użu tagħhom huwa motivatur tar-reżistenza għall-antimikrobiċi.

16 % - 62 %

